Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16209/26

SOC 782
ANTIDISCRIM 116
GENDER 179
JAI 1473
FREMP 363
COHOM 147
EDUC 470

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 602 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI *dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom, fid-dawl tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom*

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 602 final.

Mehmuż: COM(2026) 602 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2026
COM(2026) 602 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom, fid-dawl tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom

{SWD(2026) 330 final}

Werrej
INTRODUZZJONI 1
I. SĦUBIJIET U KAPAĊITÀ ISTITUZZJONALI 2
II. OBJETTIVI TAL-UE 5
II.I Ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni u l-prevenzjoni tagħhom 5
II.II Tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali 7
II.III Promozzjoni tal-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni, il-kooperazzjoni u l-fiduċja 10
II.IV Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità 11
II.V Jiżdied l-aċċess effettiv għal impjieg ta' kwalità u sostenibbli 13
II.VI Tittejjeb is-saħħa tar-Rom u jiżdied l-aċċess effettiv għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali ta' kwalità 15
II.VII Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għall-akkomodazzjoni adegwata desegregata u għas-servizzi essenzjali 17
III. ROM FIR-REĠJUN TAT-TKABBIR 19
IV. AZZJONI TAL-UE 21
KONKLUŻJONI 26

INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea (UE) hija bbażata fuq il-prinċipju li ċ-ċittadini kollha tagħha għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà. L-ugwaljanza, l-inklużjoni u r-rispett għad-drittijiet fundamentali huma valuri ewlenin tal-UE li jiggwidaw il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-azzjonijiet tal-UE. Dawn il-valuri huma essenzjali għall-koeżjoni soċjali, għar-reżiljenza ekonomika u għall-kompetittività fit-tul. F'dan il-kuntest u f'konformità mal-aġenda tal-Unjoni tal-Ugwaljanza tagħha, il-Kummissjoni għamlet in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni prijorità ewlenija. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza, tal-inklużjoni u tal-parteċipazzjoni tar-Rom hija parti integrali minn dan l-impenn u tgħin fl-implimentazzjoni tad-drittijiet u tal-prinċipji minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Ir-Rom[1] huma l-akbar minoranza etnika tal-Ewropa b'popolazzjoni stmata ta' 10 miljuni sa 12-il miljun persuna madwar il-kontinent, li minnhom iżjed minn 6 miljuni jgħixu fl-UE[2]. Dan in-numru huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti bl-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Minkejja l-isforzi nazzjonali u tal-UE li għaddejjin bħalissa, ħafna Rom għadhom jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni, l-antiżingariżmu u l-esklużjoni soċjoekonomika. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-inugwaljanzi persistenti, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030 imsaħħaħ ġie adottat fis-7 ta' Ottubru 2020. Dan introduċa seba' objettivi fil-livell tal-UE[3], u ppropona għall-ewwel darba miri kwantitattivi ewlenin tal-UE għall-2030. Dan jippromwovi "approċċ komuni iżda differenzjat" li abbaži tiegħu l-Istati Membri kollha jaħdmu lejn l-ilħuq ta' objettivi kondiviżi fil-livell tal-UE u l-implimentazzjoni ta' impenji minimi filwaqt li jadattaw il-miżuri tagħhom għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u d-daqs tal-popolazzjonijiet Rom tagħhom. L-Istati Membri b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti huma mistennija jadottaw impenji aktar ambizzjużi. Il-qafas ġie msaħħaħ bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021, li fiha l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jadottaw u jimplimentaw l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tagħhom għar-Rom (NRSFs). L-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti tal-UE hija appoġġata mill-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom (NRCPs), mill-finanzjament tal-UE, mill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u mill-apprendiment reċiproku, li flimkien jipprovdu qafas kondiviż għall-azzjoni, ir-responsabbiltà u l-koordinazzjoni, u jibdlu l-għanijiet komuni f'impenn Ewropew kollettiv.

Bħala parti miċ-ċiklu ta' monitoraġġ biennali tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom, l-Istati Membri kollha[4] jissottomettu rapporti ta' progress dwar l-NRSFs tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea. Abbaži ta' dan, il-Kummissjoni tippubblika valutazzjoni konsolidata tal-progress

[1] Ir-referenza għar-"Rom", bħala terminu umbrella, tinkludi firxa wiesgħa ta' nies differenti ta' oriġini Romani bħal: Roma, Sinti, Kale, Romanichels u Boyash/Rudari. Din tiġbor fiha wkoll gruppi bħall-Ashkali, l-Eġizzjani, il-Yenish, id-Dom, il-Lom, ir-Rom u l-Abdal, kif ukoll popolazzjonijiet ta' vjaġġaturi, inklużi t-Travellers etniċi jew dawk iddeżinjati bit-terminu amministrattiv *Gens du voyage* u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala Żingari, Tsiganes jew Tziganes, mingħajr ma jiċħdu l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn il-gruppi.

[2] Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem (2025), The Unheard 12 Million — Il-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa joħroġ sejħa urġenti biex tittieħed azzjoni għad-drittijiet tar-Rom u tal-Vjaġġaturi, l-1 ta' Ottubru 2025.

[3] i) Il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni u l-prevenzjoni tagħhom; ii) It-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali sabiex jitnaqqas id-distakk soċjoekonomiku bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali; iii) Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni, il-kooperazzjoni u l-fiduċja; iv) Iż-żieda fl-aċċess effettiv ugwali għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità; v) Iż-żieda fl-aċċess effettiv ugwali għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli; vi) It-titjib tas-saħħa u ż-żieda fl-aċċess effettiv ugwali għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali ta' kwalità; u vii) Iż-żieda fl-aċċess effettiv ugwali għall-akkomodazzjoni adegwata desegregata u għas-servizzi essenzjali.

[4] Bl-eċċezzjoni ta' Malta.

madwar l-UE. Dan it-tielet rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkopri l-iżviluppi bejn l-1 ta' Ġunju 2023 u l-31 ta' Marzu 2025[5].

Minbarra r-rapporti nazzjonali, din il-valutazzjoni tibbaża fuq żewġ sorsi ta' evidenza oħra. L-ewwel nett, l-Istħarriġ dwar ir-Rom 2024, imwettaq mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, li jipprovdi data komparabbli dwar is-sitwazzjoni tar-Rom[6]. It-tieni, il-kontributi mir-Rom u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili favur ir-Rom u minn partijiet ikkonċernati oħra (minn hawn 'il quddiem "partijiet ikkonċernati"), li nġabru permezz ta' tliet inizjattivi ewlenin: l-inizjattiva ta' Monitoraġġ Ċivili tar-Rom (RCM), Djalogu ta' Implimentazzjoni ddedikat mal-Kummissarju Lahbib u Sejħa għal Evidenza. Dawn l-inputs jipprovdu għarfien siewi dwar l-isfidi li jiffaċċjaw il-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom u dwar modi kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni tiegħu.

L-Istati Membri ħadu miżuri biex isaħħu l-governanza u l-monitoraġġ, jiġġieldu l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni, u jtejbu l-aċċess tar-Rom għall-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' inizjattivi ffinanzjati mill-UE. Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024 juru titjib mill-2016, inkluż tnaqqis fil-privazzjoni materjali estrema u l-proporzjon ta' żgħażagħ Rom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), żieda fil-proporzjon tar-Rom f'xogħol imħallas, żieda fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u kundizzjonijiet imtejba tal-akkomodazzjoni. Madankollu, il-progress għadu mhux uniformi madwar l-Istati Membri u l-oqsma ta' politika, u għad hemm sfidi sinifikanti biex l-impenji ta' politika jissarrfu f'titjib tanġibbli għar-Rom.

Dan ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom u l-progress lejn l-objettivi u l-miri stabbiliti fil-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom. Tkopri wkoll l-iżviluppi fir-reġjun tat-tkabbir u l-azzjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE. Dan huwa kkomplementat minn dokument ta' ħidma tal-persunal li fih skedi informattivi tal-pajjiżi mħejjija mill-Kummissjoni u ħarsa ġenerali lejn il-miri kwantitattivi nazzjonali u l-progress irrapportat imħejji mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (ara l-Appendiċi).

I. SĦUBIJIET U KAPAĊITÀ ISTITUZZJONALI

Il-governanza effettiva hija essenzjali għall-implimentazzjoni tal-NRSFs. Filwaqt li l-Istati Membri kollha stabbilew strutturi ta' governanza ċċentrati fuq l-NRCPs, għad hemm differenzi sinifikanti fil-kapaċità istituzzjonali, fil-koordinazzjoni, fil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u fl-implimentazzjoni lokali. Dawn l-arranġamenti jridu jissaħħu biex l-istrateġiji nazzjonali jinbidlu f'azzjoni effettiva. F'dan il-kuntest, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw sfidi persistenti fit-trasformazzjoni tal-NRSFs f'azzjoni lokali effettiva, b'mod partikolari: governanza frammentata, kapaċità muniċipali limitata, u sensittivitajiet politiċi li jaffettwaw il-prijoritizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom. Dan jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ aktar b'saħħtu permezz tal-bini tal-kapaċitajiet u l-assistenza teknika.

Kisbiet ewlenin

L-Istati Membri kollha li jirrapportaw iddeżinjaw l-NRCPs responsabbli għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-NRSFs tagħhom. F'diversi pajjiżi, ittieħdu passi biex jissaħħaħ il-funzjonament tal-NRCPs billi jiżdied l-għadd ta' persunal, jittejbu l-arranġamenti

[5] Il-miżuri implimentati wara l-perjodu ta' rapportar huma inklużi biss f'dan ir-rapport jekk l-NRCPs jiddikjarawhom lill-Kummissjoni.
[6] L-istħarriġ ikopri għaxar Stati Membri (BG, CZ, FR, EL, HU, IE, IT, PT RO, ES) u tliet pajjiżi kandidati (AL, MK, RS).

istituzzjonali, jew jiġu pprovduti aktar riżorsi baġitarji[7]. F'diversi każijiet, l-NRCPs huma involuti direttament fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u koordinazzjoni tal-programm[8]. Dan jgħin biex il-prijoritajiet tal-inklużjoni tar-Rom jiġu integrati aħjar f'politiki soċjali u ta' koeżjoni usa'. Pereżempju, fis-Slovakkja, l-NRCP huwa membru sħiħ tal-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Programm Slovakkja 2021-2027, programm ta' politika ta' koeżjoni kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u jikkoordina kummissjoni speċifika ddedikata lill-komunitajiet Rom emarġinati. Ċipru stabbilixxa kumitat ta' monitoraġġ għall-NRSF tiegħu, li jlaqqa' flimkien lill-ministeri u lir-rappreżentanti tar-Rom biex isaħħaħ il-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni fit-tfassil tal-politika.

L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' inklużjoni tar-Rom tiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali. Il-muniċipalitajiet għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' miżuri f'oqsma ewlenin bħall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u s-servizzi soċjali. Pereżempju, il-Greċja implimentat qafas li fl-ambitu tiegħu 85 muniċipalità diġà ppreżentaw pjanijiet ta' azzjoni lokali għall-inklużjoni tar-Rom biex jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet nazzjonali.

Total ta' 20 Stat Membru[9] jimmonitorjaw regolarment l-implimentazzjoni tal-NRSFs tagħhom u ddefinew mill-inqas mira kwantitattiva jew kwalitattiva waħda. B'mod inkoraġġanti, kważi l-pajjiżi kollha b'popolazzjonijiet sinifikanti tar-Rom stabbilew miri kwantitattivi u indikaturi għal mill-inqas ħames objettivi. Iċ-Ċekja, is-Slovakkja u Spanja żviluppaw oqfsa ta' monitoraġġ sodi allinjati mal-indikaturi tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom, filwaqt li l-qafas tal-Bulgarija huwa aktar limitat iżda allinjat b'mod wiesa' ma' dawn l-indikaturi. L-oqfsa ta' monitoraġġ fl-Istati Membri li jifdal b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti jinsabu fi stadji differenti ta' żvilupp, u xi valuri ta' indikatur jew ta' mira għad iridu jiġu ddefiniti jew għad iridu jitlestew fiż-żmien tar-rapportar (ara l-Appendiċi), li jaffettwaw il-valutazzjoni tal-progress lejn il-miri nazzjonali.

Fejn ġew stabbiliti miri nazzjonali taħt oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Roma (is-snin fil-mira jvarjaw), l-informazzjoni disponibbli turi progress li jvarja lejn l-ilħuq tagħhom: il-Bulgarija tirrapporta li laħqet il-miri tagħha għall-2030 fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni preprimarja u fil-kisba ta' edukazzjoni sekondarja superjuri, kif ukoll xi progress f'oqsma oħra; is-Slovakkja tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha għall-2030 relatati mal-akkomodazzjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom; Spanja laħqet xi whud mill-miri tagħha għall-2026 relatati mal-antiżingariżmu iżda għadha lura f'oqsma oħra, b'mod partikolari l-edukazzjoni; iċ-Ċekja turi progress limitat jew ma turi l-ebda progress lejn il-miri tagħha għall-2030. L-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, mill-Greċja u mir-Rumanija ma tippermettix valutazzjoni tal-progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom (l-2030 għall-Ungerija u l-Greċja, u l-2027 għar-Rumanija; ara l-Appendiċi). L-analiżi mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali turi titjib f'10 mis-16-il indikatur mill-2016. Madankollu, il-progress għadu insuffiċjenti biex jintlaħqu l-biċċa l-kbira tal-objettivi u l-miri tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom sal-2030, filwaqt li l-objettiv tal-impjiegi bħalissa jinsab fit-triq it-tajba.

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

L-Istati Membri komplew isaħħu l-istrutturi ta' governanza li jappoġġaw l-inklużjoni tar-Rom. L-iżgurar li l-NRCPs ikollhom kapaċità u riżorsi istituzzjonali suffiċjenti jibqa' essenzjali għal

[7] BE, BG, CZ, DE, EL, ES, FR, HU, HR, IE, IT, LT, LV, RO, SI, SK.
[8] BG, CZ, EL, ES, FR, HR, HU, LV, IT, RO, SK.
[9] BE, BG, CY, CZ, EE, EL, ES, FI, HR, HU, IE, IT, LV, LT, NL, PL, RO, SE, SI, SK.

koordinazzjoni transsettorjali effettiva. L-inklużjoni tar-Rom qed tiġi integrata dejjem aktar fil-politiki ġenerali iżda dawn spiss ma jkollhomx salvagwardji speċifiċi għar-Rom u miżuri ta' sensibilizzazzjoni biex jiżguraw li r-Rom ikunu jistgħu jaċċessawhom u jibbenefikaw minnhom.

Il-koordinazzjoni dgħajfa bejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali tibqa' ostaklu ewlieni, u b'hekk dan jagħmilha aktar diffiċli li l-istrateġiji nazzjonali jinqelbu f'azzjoni lokali effettiva. F'sistemi deċentralizzati, l-implimentazzjoni spiss tibqa' diskrezzjonali, u l-muniċipalitajiet jevitaw miżuri ta' implimentazzjoni perċepiti bħala politikament sensittivi, bħad-desegregazzjoni, favur miżuri ta' terminu qasir u b'livell baxx ta' kunflitt.

Il-kisba ta' riżultati konsistenti teħtieġ arranġamenti ta' governanza aktar sodi, inklużi responsabbiltajiet aktar ċari, monitoraġġ effettiv u responsabbiltà akbar. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni u tal-kapaċità amministrattiva, speċjalment permezz tal-bini tal-kapaċitajiet immirat u inċentivi xierqa fil-livell muniċipali, jista' jtejjeb l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom u jżid l-assorbiment effettiv tal-fondi tal-UE. It-tisħiħ tar-rabta bejn l-istrutturi ta' governanza u l-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-UE jibqa' essenzjali.

Huma meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħu l-oqfsa ta' monitoraġġ madwar l-Istati Membri. F'xi każijiet, il-miri u l-indikaturi għadhom ma ġewx definiti jew għadhom ma humiex kompluti, filwaqt li l-monitoraġġ jiddependi b'mod predominanti fuq l-indikaturi tal-output aktar milli fuq l-indikaturi tal-eżitu. Dawn in-nuqqasijiet jirriflettu limitazzjonijiet usa' fid-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-data madwar l-UE. F'diversi Stati Membri, l-istatistika uffiċjali ma tkoprix b'mod adegwat il-popolazzjonijiet Rom, u b'hekk huwa diffiċli li jiġu vvalutati l-inugwaljanzi u l-progress maż-żmien. Metodoloġiji aktar komparabbli, flimkien ma' data diżaggregata u indikatur[10] meta jkun xieraq u legalment permissibbli, isaħħu t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u jtejbu l-kompletezza u l-komparabbiltà tar-rapportar. Meta d-daqsijiet tal-kampjuni jippermettu dan, il-monitoraġġ jista' jkopri wkoll id-disparitajiet fil-popolazzjoni Rom, flimkien ma' tqabbil mal-popolazzjoni ġenerali.

Gwida għal aktar titjib

Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri, partikolarment dawk b'popolazzjonijiet Roma sinifikanti, biex:

- **isaħħu l-mandat, il-persunal u l-finanzjament tal-NRCPs,** jiżguraw l-involviment effettiv tagħhom fil-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki ġenerali u mmirati kif ukoll programmi ffinanzjati mill-UE, u jagħtuhom is-setgħa li jsegwu l-progress skont il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom;
- **isaħħu l-monitoraġġ tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom biex issegwu l-progress skont miri ċari u indikaturi tal-eżitu** allinjati mal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom, permezz ta' data diżaggregata u indikatur meta jkun xieraq u legalment permissibbli;
- **iżidu l-koordinazzjoni fil-livelli ta' governanza**, b'mod partikolari billi **jsaħħu l-implimentazzjoni lokali** permezz ta' responsabbiltajiet aktar ċari, parteċipazzjoni akbar tal-partijiet ikkonċernati, żieda fil-kapaċità amministrattiva muniċipali u titjib fil-mekkaniżmi ta' responsabbiltà.

[10] Disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/system/files/2020-10/portfolio_of_indicators_en.pdf.

II. OBJETTIVI TAL-UE

Din it-taqsima tirrieżamina l-progress li sar fl-ilħuq tas-seba' objettivi tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom. Għal kull objettiv, huma ppreżentati l-miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom rilevanti għall-2030, li jipprovdu l-parametri referenzjarji li skonthom jiġi vvalutat il-progress.

II.I Ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni u l-prevenzjoni tagħhom

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:

- tnaqqis b'mill-inqas nofs tal-proporzjon ta' Rom li esperjenzaw diskriminazzjoni
- tnaqqis b'mill-inqas terz tal-proporzjon tal-popolazzjoni ġenerali li tħossha skomda li jkollha persuni Rom bħala ġirien

L-antiżingariżmu huwa rikonoxxut bħala forma ta' razziżmu kontra l-persuni Rom[11] li jkompli jixpruna l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni madwar l-UE, u b'hekk jimmina l-aċċess għall-edukazzjoni, għall-impjiegi, għall-kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għal servizzi essenzjali oħra. Peress li dan jinfluwenza ħafna l-progress ġenerali dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu hija kemm objettiv awtonomu kif ukoll prijorità trażversali tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom.

Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024 jindikaw li kważi waħda minn kull tliet persuni Rom (31 %) esperjenzat diskriminazzjoni bbażata fuq l-isfond etniku. Il-livelli ta' fiduċja istituzzjonali jibqgħu wkoll relattivament baxxi: madwar nofs biss tar-rispondenti tar-Rom (49 %) jirrapportaw li jafdaw lill-pulizija f'pajjiżhom, filwaqt li tnejn biss minn kull ħamsa (40 %) jesprimu fiduċja fis-sistema legali nazzjonali. Abbażi tar-riżultati tal-Ewrobarometru tal-2023, 67 % biss tar-rispondenti mill-Istati Membri jħossuhom komdi li jkollhom kuntatt ta' kuljum ma' kollega Rom fuq il-post tax-xogħol[12]. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li, minkejja r-rikonoxximent dejjem akbar fl-oqfsa ta' politika, l-isforzi biex jiġi indirizzat l-antiżingariżmu għadhom frammentati u spiss fuq terminu qasir, u jissottolinjaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar sistematika u integrata.

Kisbiet ewlenin

Matul il-perjodu ta' rapportar, għadd sinifikanti ta' Stati Membri ħadu passi biex jagħtu spinta lir-rikonoxximent u lill-viżibbiltà tal-antiżingariżmu. Xi Stati Membri[13] żiedu l-kapaċità istituzzjonali biex jiġġieldu l-antiżingariżmu; b'mod partikolari, il-Ġermanja stabbiliet iċ-Ċentru indipendenti ta' Rapportar u Informazzjoni dwar l-Antiżingariżmu (MIA), Spanja tat bidu għall-abbozzar tal-Patt tal-Istat kontra l-Antiżingariżmu u l-Litwanja nediet konsultazzjonijiet dwar Kummissjoni Esperta speċjalizzata għall-Ġlieda Kontra l-Antiżingariżmu. L-oqfsa ta' politika u istituzzjonali ġew imsaħħa permezz tal-adozzjoni formali tad-definizzjoni tal-antiżingariżmu fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja. Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġiet promossa ulterjorment permezz ta' kampanji ta' media u ta' sensibilizzazzjoni,

[11] L-antiżingariżmu (forma ta' razziżmu kontra r-Rom) huwa fenomenu strutturali li għandu għeruq storiċi li jidher fuq livelli istituzzjonali, soċjali u interpersonali. Għandu l-oriġini tiegħu fil-mod kif il-maġġoranza tħares lejn dawk meqjusa "żingari" u kif tittrattahom. Għandu l-għeruq fi proċess ta' trattament ta' ħaddieħor bħala differenti ("othering") li jibni fuq sterjotipi eżotizzanti negattivi kif ukoll pożittivi.

[12] Data ġdida dwar l-indikatur tal-ġirien Rom se tkun disponibbli fl-Ewrobarometru li jmiss tal-2026.

[13] AT, BE, BG, CZ, DE, EL, ES, FR, IE, IT, LV, LT, NL, RO, SK, SE.

inkluża s-serje dokumentarja tal-Latvja[14] prodotta fl-ambitu tal-Pjattaforma Latvjana għar-Rom iffinanzjata mill-UE.

Diversi Stati Membri[15] saħħew is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni u tar-reati ta' mibegħda permezz ta' mekkaniżmi mtejba tal-ilmenti, għajnuna legali u servizzi biex jintlaħqu n-nies. Il-Bulgarija, pereżempju, ipprovdiet eluf ta' konsultazzjonijiet legali permezz ta' timijiet mobbli prinċipalment f'postijiet remoti[16] u introduċiet applikazzjoni mobbli biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja[17].

Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u avvenimenti kommemorattiva – bħall-Jum ta' Tifkira tal-Olokawstu tar-Rom u l-Jum Internazzjonali tar-Rom – kisbu rikonoxximent usa' f'ħafna Stati Membri[18], u dan ikkontribwixxa għal sensibilizzazzjoni akbar tal-pubbliku dwar l-istorja u l-kultura tar-Rom. Pereżempju, fi Franza l-proġett ta' Tifkira Montreuil-Bellay jirrikonoxxi l-persekuzzjoni ta' madwar 1 850 Rom matul it-Tieni Gwerra Dinjija u jqajjem sensibilizzazzjoni permezz ta' sit ta' tifkira u mużew ippjanat. F'Ottubru 2025, il-Kamra tar-Rappreżentanti Netherlandiża adottat il-mozzjoni Tseggai, li tirrikonoxxi formalment lir-Rom, lis-Sinti, u lit-Travellers Netherlandiżi bħala minoranza nazzjonali skont il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

Minkejja l-attenzjoni dejjem akbar tal-politika li qed tingħata lill-antiżingariżmu, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni tar-Rom għadhom mhux uniformi u frammentati madwar l-Istati Membri, u dan jirrifletti lakuni persistenti fl-impenn politiku u mekkaniżmi dgħajfa ta' infurzar. B'riżultat ta' dan, l-istituzzjonijiet spiss ma jinżammux responsabbli biżżejjed għal prattiki bħall-edukazzjoni segregata u l-iżgumbramenti sfurzati.

In-nuqqas ta' rapportar dwar id-diskriminazzjoni u l-inċidenti ta' mibegħda għadu mifrux, xprunat minn fiduċja baxxa fl-istituzzjonijiet, il-biża' ta' ritaljazzjoni u sensibilizzazzjoni limitata dwar il-mekkaniżmi tal-ilmenti. Għalhekk hemm nuqqas ta' data affidabbli, li jagħmilha diffiċli li jitfasslu u jiġu evalwati risponsi ta' politika effettivi. Fl-istess ħin, it-tħassib dwar il-prattiki tal-pulizija – inklużi t-tfassil tal-profil etniku u l-użu sproporzjonat tal-forza – għadu jiġi rrapportat bħala ostaklu ewlieni għall-fiduċja u għall-inklużjoni.

Id-diskrepanzi persistenti, fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali, f'data diżaggregata skont l-etniċità dwar id-diskriminazzjoni kontra l-popolazzjonijiet tar-Rom u dwar forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, flimkien ma' prattiki ta' monitoraġġ mhux uniformi, ikomplu jxekklu l-valutazzjoni tax-xejriet u tal-eżiti. Il-korpi tal-ugwaljanza f'ħafna Stati Membri għandhom riżorsi, setgħat jew indipendenza limitati, u b'hekk inaqqsu l-kapaċità tagħhom li jipprovdu rimedju effettiv u jinvolvu ruħhom f'litigazzjoni strateġika. L-Istati

[14] Disponibbli fuq: https://www.youtube.com/@KulturasMinistrija/videos.
[15] AT, BG, CZ, DE, EL, ES, FI, HR, IE, IT, LT, LV, SK.
[16] Disponibbli fuq: https://www.justice.government.bg/home/index/1201f1c6-798b-41b6-a874-052e228ac8a1?top=1
[17] Disponibbli fuq: https://apps.apple.com/bg/app/%D0%BF%D0%BE%D0%BC%D0%BE%D0%B3%D0%BD%D0%B8-%D0%BC%D0%B8/id6471497775.
[18] AT, BE, BG, CY, CZ, DE, EE, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LU, LV, LT, NL, PT, RO, SK.

Membri kienu meħtieġa jittrasponu d-Direttivi l-ġodda tal-UE dwar il-korpi tal-ugwaljanza[19] sa Ġunju 2026. L-implimentazzjoni korretta u l-konformità sħiħa se tkun essenzjali għat-tisħiħ tal-indipendenza, tar-riżorsi u tal-effettività tal-korpi tal-ugwaljanza u għall-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet.

Gwida għal aktar titjib
Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **isaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda** billi: (i) jiżguraw sanzjonijiet adegwati; (ii) itejbu l-aċċess għall-mekkaniżmi tal-ilmenti; (iii) jirreġistraw b'mod sistematiku inċidenti tal-antiżingariżmu; u (iv) jindirizzaw in-nuqqas ta' rapportar permezz ta' miżuri li jibnu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jimmonitorjaw il-bidliet fil-fiduċja istituzzjonali;
- **jippromwovu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, l-inizjattivi ta' kommemorazzjoni u ta' edukazzjoni li jindirizzaw l-istorja, il-kultura u l-antiżingariżmu tar-Rom**, inkluż permezz ta' kurrikuli tal-iskejjel, taħriġ għall-għalliema, involviment tal-media u attivitajiet kommemorattivi biex jiġu miġġielda l-isterjotipi u l-preġudizzju fis-soċjetà;
- **jindirizzaw b'mod sistematiku l-antiżingariżmu fost il-politiki settorjali** – b'mod partikolari fl-edukazzjoni, fl-impjiegi, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni – billi jindirizzaw id-diskriminazzjoni, isaħħu l-prattiki istituzzjonali, u jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ għall-professjonisti ewlenin.

II.II Tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tal-ispariġġ tal-faqar bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tal-ispariġġ tal-faqar bejn it-tfal Rom u tfal oħra

Il-faqar persistenti fost ir-Rom jibqa' jwassal għal tħassib serju madwar l-UE. It-tfal huma affettwati b'mod sproporzjonat, peress li jiffaċċjaw żvantaġġi kumulattivi minn età bikrija li jżidu r-riskju ta' esklużjoni interġenerazzjonali u jillimitaw b'mod sinifikanti l-mobbiltà soċjali.

Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024 jikkonfermaw li l-faqar u t-tbatija ekonomika għadhom mifruxa fost il-komunitajiet Rom. B'mod ġenerali, 77 % tat-tfal Rom huma f'riskju ta' faqar – madwar erba' darbiet aktar mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali. Barra minn hekk, 40 % jgħixu f'unitajiet domestiċi li jesperjenzaw privazzjoni materjali severa[20]. Dan mar ħafna għall-aħjar mill-2016 (66 %), iżda l-livelli għadhom ogħla b'mod sinifikanti minn dawk għall-popolazzjoni ġenerali (7 %[21]). Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw in-natura multidimensjonali

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 u d-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi standards għall-korpi tal-ugwaljanza. Disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj u https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj.
[20] Il-privazzjoni materjali estrema hija definita bħala l-inabbiltà ta' unità domestika li taffordja mill-inqas erbgħa minn disa' oġġetti jew spejjeż essenzjali, inkluż tisħin adegwat, ikliet nutrittivi regolari u spejjeż mhux mistennija (Stħarriġ dwar ir-Rom 2024, p. 32).
[21] Disponibbli fuq: Eurostat 2020, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mddd11__custom_22313195/default/table.

u interġenerazzjonali tal-faqar fost ir-Rom u l-ħtieġa ta' risponsi ta' politika integrati fl-oqsma settorjali (l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni). Huma nnutaw ukoll li filwaqt li diversi Stati Membri saħħew is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, żiedu l-benefiċċji finanzjarji jew tejbu l-aċċess għalihom, il-miżuri mmirati lejn ir-Rom li jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom limitati, b'mod partikolari dawk immirati biex jegħlbu l-ostakli għall-aċċess għall-appoġġ ġenerali, bħal ostakli amministrattivi, aċċess limitat għall-informazzjoni u livelli baxxi ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Kisbiet ewlenin

Ħafna Stati Membri[22] rrapportaw miżuri mmirati lejn it-titjib tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz ta' mekkaniżmi ta' sensibilizzazzjoni bħall-Bridging Figures tal-Belġju (Flanders), li laħqu eluf ta' familji vulnerabbli inklużi ħafna Rom u pprovdew appoġġ prattiku fl-aċċess għall-iskejjel lokali u għas-servizzi pubbliċi. Dan l-approċċ għen biex tinbena fiduċja reċiproka bejn il-persuni lokali Rom u l-istituzzjonijiet pubbliċi filwaqt li tissaħħaħ l-awtodipendenza tal-persuni lokali Rom.

Għadd limitat ta' Stati Membri[23] rrapportaw l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati lejn ir-Rom li jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li xi Stati Membri[24] jindirizzaw dawn l-isfidi bħala kwistjoni trażversali f'objettivi settorjali oħra. Pereżempju, il-proġetti Accedere u Salute tal-Italja kofinanzjati mill-FSE+ u mmirati lejn ir-Rom bħala wieħed mill-gruppi żvantaġġati, stabbilew approċċ integrat u transsettorjali li kkontribwixxa għal tnaqqis sinifikanti fir-residenti li jgħixu f'insedjamenti segregati.

Diversi Stati Membri[25] rrapportaw ukoll enfasi fuq il-faqar fost it-tfal fost ir-Rom appoġġat minn strumenti ta' finanzjament tal-UE. Pereżempju, il-Bulgarija introduċiet skema, kofinanzjata mill-FSE+, li tipprovdi vawċers tal-ikel u appoġġ akkumpanjanti lit-tfal minn familji żvantaġġati, filwaqt li l-Kroazja skjerat timijiet mobbli biex jilħqu u jappoġġjaw familji f'abitati iżolati[26].

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

Minkejja l-isforzi li għaddejjin bħalissa, il-faqar fost il-komunitajiet Rom għadu mifrux u għadu jirrappreżenta waħda mill-aktar forom persistenti ta' esklużjoni soċjoekonomika fl-UE. Ġie rrapportat xi progress, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jtejbu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi soċjali. Madankollu, il-progress għadu limitat u mhux uniformi, u l-biċċa l-kbira tal-miżuri jiffukaw fuq l-aċċess għall-benefiċċji aktar milli jindirizzaw l-ixprunaturi strutturali tal-faqar.

Il-kriżi tal-COVID-19 għamlet il-kwistjonijiet agħar, żiedet id-diskrepanzi eżistenti u reġġgħet lura ftit mill-progress li nkiseb qabel l-2020, b'effetti li komplew jinħassu matul il-perjodu ta' rapportar. Id-disparitajiet territorjali u d-distribuzzjoni mhux uniformi tas-servizzi jkomplu jxekklu l-inklużjoni, b'mod partikolari fiż-żoni remoti. L-awtoritajiet għandhom jindirizzaw b'mod proattiv l-"ostakli inviżibbli" bħall-esklużjoni diġitali u n-nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-identità jew titoli ta' proprjetà, li jipprevjenu lill-unitajiet domestiċi l-aktar emarġinati u lir-Rom mingħajr dar milli jaċċessaw il-protezzjoni soċjali.

[22] AT, BE, BG, FI, FR, DE, EL, HU, IT, NL, RO, SK, ES.
[23] FI, HR, ES, PL, RO, SK.
[24] AT, CZ, IT, RO, SK.
[25] BG, HR, ES, IT, SI, LU.
[26] Disponibbli fuq: https://www.centar-medjimurje.hr/.

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali tar-Rom huma xprunati minn żvantaġġi interkonnessi b'għeruq fondi li jippersistu fost il-ġenerazzjonijiet. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jirrikjedi risposti ta' politika integrati li jikkombinaw il-protezzjoni soċjali ma' miżuri fl-edukazzjoni, fl-impjiegi, fl-akkomodazzjoni u fis-saħħa.

Gwida għal aktar titjib
Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **jallinjaw il-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom mal-politiki ġenerali kontra l-faqar u d-drittijiet tat-tfal,** inkluż permezz ta' salvagwardji u indikaturi speċifiċi għar-Rom biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-familji u għat-tfal Rom;
- **itejbu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi pubbliċi**, inkluż billi jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u jindirizzaw l-"ostakli inviżibbli" bħall-esklużjoni diġitali, in-nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-identità jew ta' atti ta' proprjetà u sensibilizzazzjoni limitata għall-aktar Rom emarġinati;
- **jiżviluppaw risposti integrati u fit-tul għall-faqar u għall-esklużjoni soċjali tar-Rom**, li jikkombinaw il-protezzjoni soċjali ma' miżuri fl-edukazzjoni, fl-impjiegi, fl-akkomodazzjoni u fil-kura tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-iżvantaġġi strutturali u interġenerazzjonali.

Il-Prinċipji għal politiki effettivi kontra l-faqar, ippubblikati flimkien mal-Istrateġija kontra l-Faqar, għandhom l-għan li jiggwidaw strateġiji effettivi kontra l-faqar fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawn jinkludu l-punti li ġejjin li huma ta' rilevanza partikolari fil-kuntest ta' dan ir-Rapport:

- **ir-riżorsi finanzjarji huma allinjati mal-objettivi tal-politika billi jintużaw il-fondi tal-UE,** inkluż il-finanzjament marbut mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, biex jiġu appoġġati u kkomplementati l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-**ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali**;
- jiġu żviluppati **miżuri mmirati** biex jappoġġaw **gruppi f'riskju ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali**, inklużi r-Rom;
- hemm fis-seħħ **programmi mmirati** biex itejbu l-livell u l-**kwalità tal-opportunitajiet ta' apprendiment** għall-istudenti minn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx (finanzjament addizzjonali għall-iskejjel, żvilupp professjonali tal-għalliema, mentoraġġ, boroż ta' studju u għajnuna finanzjarja, aċċess għall-faċilitajiet u għall-materjali, miżuri ta' desegregazzjoni, inkluż għar-Rom, eċċ.);
- **immappjar sistematiku tal-insedjamenti segregati tar-Rom** bil-kunsens tal-komunitajiet u valutazzjoni biex jiġu identifikati l-livelli ta' riskju ta' faqar, il-privazzjoni materjali severa, u d-diskrepanzi fl-aċċess għal servizzi essenzjali, filwaqt li tiġi żgurata l-inklużjoni tagħhom fil-proċessi tal-ippjanar urban.

II.III Promozzjoni tal-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni, il-kooperazzjoni u l-fiduċja

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:

- il-kapaċità u l-involviment ta' mill-inqas 90 NGO fil-monitoraġġ koordinat tas-soċjetà ċivili tar-Rom madwar l-UE kollha
- l-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-NGOs Rom bħala membri sħaħ fil-kumitati ta' monitoraġġ għall-programmi kollha li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet Rom
- l-irduppjar tal-proporzjon ta' persuni Rom li jirrapportaw id-diskriminazzjoni meta sseħħ
- il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tar-Rom fil-ħajja politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, fl-Istati Membri b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti

Il-parteċipazzjoni sinifikattiva tar-Rom hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li ilhom jeżistu, tissaħħaħ il-governanza demokratika u tinbena l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Is-sensibilizzazzjoni dwar l-istrutturi ta' appoġġ istituzzjonali żdiedet, u 46 % tar-rispondenti Rom semgħu b'minn tal-inqas korp wieħed tal-ugwaljanza jew istituzzjoni simili, meta mqabbla ma' 29 % fl-2016. Il-partijiet ikkonċernati saħqu li, minkejja l-espansjoni tal-istrutturi ta' parteċipazzjoni formali, il-parteċipazzjoni tar-Rom spiss tibqa' limitata jew superfiċjali. Il-finanzjament instabbli u, f'xi kuntesti, ir-restrizzjonijiet fuq l-ispazju ċiviku jkomplu jillimitaw il-parteċipazzjoni sinifikattiva.

Kisbiet ewlenin

L-Istati Membri rrapportaw progress gradwali fil-parteċipazzjoni politika tar-Rom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali. Ir-rappreżentanti tar-Rom huma dejjem aktar preżenti fil-kunsilli lokali[27], fil-kariga ta' sindku[28] u fil-parlamenti nazzjonali[29] . Filwaqt li dawn huma żviluppi pożittivi, il-parteċipazzjoni tar-Rom fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi għadha limitata b'mod ġenerali, u r-rappreżentanti tar-Rom għadhom ma humiex irrappreżentati biżżejjed b'mod sinifikanti f'karigi pubbliċi eletti u superjuri fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

Diversi Stati Membri[30] rrapportaw li stabbilew jew saħħew korpi konsultattivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-NRSFs jew proċessi ta' politika relatati, li jinvolvu lis-soċjetà ċivili tar-Rom. Pereżempju, il-Pjattaforma għad-Djalogu mar-Rom tal-Awstrija, iffinanzjata mill-UE, stabbiliet ruħha b'mod sod bħala strument stabbli li jiffaċilita d-djalogu bejn is-soċjetà ċivili tar-Rom u l-amministrazzjoni pubblika. Id-Djalogu dwar id-Data Parteċipattiva tal-Ġermanja, immexxi mill-Aġenzija Federali Kontra d-Diskriminazzjoni, ilaqqa' flimkien lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-soċjetà ċivili biex jiżviluppaw metodi approvati mill-komunità għall-ġbir ta' data dwar id-diskriminazzjoni.

Fil-livell lokali, diversi Stati Membri[31] rrapportaw l-involviment tar-Rom f'inizjattivi minn isfel għal fuq. Eżempju ewlieni huwa l-proġett tat-Timijiet ta' Żvilupp tal-ippjanar lokali parteċipattivi ffinanzjati mill-UE tas-Slovakkja, li organizza aktar minn 120 forum komunitarju biex jappoġġa l-ippjanar lokali, filwaqt li l-Estonja ffukat fuq it-tisħiħ tad-djalogu lokali billi fetħet iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tar-Rom f'Valga u ċ-Ċentru kulturali tar-Rom f'Tallin.

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

[27] AT, BG, CZ, IT, ES.
[28] BG, EL, SK.
[29] RO, SK, IE, HR u l-aktar reċenti wkoll fl-HU.
[30] AT, BE, BG, CZ, EL, ES, FR, IT, IE, LV, NL, SK.
[31] BE, BG, CZ, FR, EL, HU, IT, RO, SK.

Filwaqt li l-istabbiliment ta' korpi konsultattivi jirrifletti rikonoxximent istituzzjonali dejjem akbar tal-parteċipazzjoni tar-Rom, l-involviment spiss jibqa' limitat għal konsultazzjoni formali b'influwenza limitata fuq l-istabbiliment tal-aġenda u l-eżiti tal-politika. L-iżgurar li l-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni jkollhom impatt tanġibbli fuq il-politiki u l-eżiti għadha sfida ewlenija.

Il-monitoraġġ parteċipattiv tad-drittijiet fundamentali qed jiżviluppa gradwalment madwar l-UE, u diversi Stati Membri jistabbilixxu korpi speċjalizzati biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reati ta' mibegħda u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni[32]. Madankollu, il-prattiki jibqgħu inkonsistenti, u r-restrizzjonijiet amministrattivi, legali u finanzjarji jkomplu jillimitaw il-kapaċità operazzjonali u ta' promozzjoni ta' ħafna organizzazzjonijiet Rom u dawk favur ir-Rom, b'mod partikolari fil-livell lokali. Dan jaffettwa l-kapaċità ta' tali organizzazzjonijiet li jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ, fl-appoġġ għall-komunitajiet u fil-parteċipazzjoni fil-proċessi ta' politika. Il-livelli baxxi ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet, l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u, f'xi kuntesti, ir-restrizzjonijiet fuq l-ispazju ċiviku jkomplu jimminaw il-parteċipazzjoni u l-involviment.

Gwida għal aktar titjib

Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **isaħħu l-oqfsa istituzzjonali għall-parteċipazzjoni tar-Rom u jippromwovu r-rappreżentanza politika tar-Rom**, filwaqt li jiżguraw li r-rappreżentanti tar-Rom u l-organizzazzjonijiet favur ir-Rom ikollhom rappreżentanza u influwenza sinifikattivi u diversi fir-rigward tal-istabbiliment tal-aġenda nazzjonali, reġjonali u lokali, it-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ;
- **iżidu l-monitoraġġ u r-responsabbiltà parteċipattivi**, permezz tal-involviment sistematiku tar-Rom u tas-soċjetà ċivili favur ir-Rom fil-ġbir, is-sorveljanza u l-monitoraġġ tad-data dwar miżuri kontra d-diskriminazzjoni u l-inklużjoni tar-Rom, inkluż bħala membri sħaħ tal-kumitati ta' monitoraġġ rilevanti;
- **jipprovdu appoġġ sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tar-Rom u dawk favur ir-Rom permezz ta'** proċeduri amministrattivi ssimplifikati, finanzjament pluriennali u bini tal-kapaċitajiet, filwaqt li jipproteġu l-ispazju ċiviku, jindirizzaw id-diskriminazzjoni u jsaħħu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

II.IV Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:

- tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-distakk fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tal-proporzjon ta' tfal Rom li jattendu skejjel primarji segregati
- tnaqqis b'mill-inqas terz tad-distakk fit-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell

L-edukazzjoni hija prerekwiżit ewlieni għall-opportunitajiet indaqs, għall-mobbiltà soċjali u għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, u d-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva huwa minqux fl-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Madankollu, għal ħafna

[32] AT, IE, DE, HU, HR.

persuni Rom, l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni ġenerali ta' kwalità u inklużiva għadu ma ntlaħaqx, għalkemm huwa essenzjali biex tingħeleb l-esklużjoni u tkun permessa l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà u fl-ekonomija.

Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar ir-Rom 2024 juru xi progress f'dan il-qasam iżda għad hemm disparitajiet. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal[33] żdiedet minn 42 % fl-2016 għal 53 % fl-2024 iżda għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 95 %[34]. Madwar terz biss taż-żgħażagħ Rom ilestu l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, meta mqabbla ma' aktar minn erbgħa minn kull ħamsa fil-popolazzjoni ġenerali. Is-segregazzjoni għadha tippersisti wkoll, u kważi nofs it-tfal Rom jattendu skejjel fejn il-biċċa l-kbira tal-istudenti fil-klassi jew kollha kemm huma jkunu Rom. Il-partijiet ikkonċernati nnotaw xi progress, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u fl-isforzi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola. Fl-istess ħin, huma enfasizzaw li l-progress sostnut fl-edukazzjoni inklużiva jeħtieġ miżuri aktar b'saħħithom ta' desegregazzjoni, finanzjament fit-tul u monitoraġġ imtejjeb.

Kisbiet ewlenin

Matul il-perjodu ta' rapportar, kważi l-Istati Membri kollha li rrapportaw[35] ħadu passi biex jagħmlu s-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom aktar inklużivi u jtejbu l-aċċess tat-tfal Rom għal apprendiment ta' kwalità. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal żdiedet b'mod sinifikanti, b'mod partikolari fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fis-Slovenja u fis-Slovakkja, fejn il-gvernijiet espandew l-attendenza preprimarja affordabbli jew obbligatorja u saħħew l-involviment mal-ġenituri Rom. Sar ukoll disponibbli aktar appoġġ għall-istudenti Rom fl-edukazzjoni sekondarja u terzjarja, u diversi pajjiżi żiedu l-aċċess għall-borż ta' studju, il-mentoraġġ, u l-miżuri ta' azzjoni affermattiva[36]. Dan kien il-każ, pereżempju, fir-Rumanija, fejn aktar minn 72 000 student u studenta Rom irċevew borż ta' studju soċjali. In-network tal-Ungerija ta' 180 Tanodas jappoġġa primarjament lill-istudenti Rom minn sfondi żvantaġġati permezz ta' attivitajiet ekstrakurrikulari biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola.

F'xi Stati Membri[37], proġetti pilota ffinanzjati mill-UE – b'mod partikolari fl-ambitu tal-FSE+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) – żdiedu u ġew integrati fis-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni. Pereżempju, il-Bulgarija wettqet tranżizzjoni b'suċċess ta' aktar minn 1300 medjatur edukattiv minn appoġġ ibbażat fuq il-proġetti għal karigi permanenti ffinanzjati mill-Istat. Xi Stati Membri[38] ħadu wkoll passi biex jindirizzaw is-segregazzjoni b'mod aktar dirett, inkluż l-appoġġ għat-trasport, l-aġġustamenti għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni u l-persunal tal-apprendiment addizzjonali. Fis-Slovakkja, ġew introdotti standards legalment vinkolanti li jipprojbixxu s-segregazzjoni fl-edukazzjoni, appoġġati minn manwal metodoloġiku għall-iskejjel[39].

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

Abbażi tal-progress reċenti, huma meħtieġa aktar sforzi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi persistenti fl-eżiti edukattivi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali. B'mod partikolari, iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u t-titjib tar-rati ta' tlestija fl-edukazzjoni

[33] It-tfal bejn it-3 snin u l-età meta t-tfal jibdew l-edukazzjoni primarja obbligatorja.
[34] Disponibbli fuq: Eurostat 2023, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/educ_uoe_enra21/default/table?lang=mt.
[35] AT, BE, BG, HR, CY, CZ, DK, EE, EL, ES, FI, FR, , HU, IE, IT, LV, LT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK.
[36] HR, HU, PL, PT, RO.
[37] BG, CZ, SK.
[38] BG, CZ, HR, HU, RO, SK.
[39] Disponibbli fuq: https://www.minedu.sk/standardy-dodrziavania-zakazu-segregacie/.

sekondarja tat-tieni livell jibqgħu essenzjali. L-avvanz ta' approċċi sistemiċi għad-desegregazzjoni[40] fil-livelli kollha tal-edukazzjoni huwa kritiku biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal apprendiment ta' kwalità u biex jiġu eliminati ċ-ċikli ta' żvantaġġ. Fl-istess ħin, l-iżgurar li l-ambjenti integrati inklużivi jipprovdu appoġġ komprensiv – inkluż appoġġ soċjali, emozzjonali, psikoloġiku u lingwistiku – jista' jkompli jtejjeb l-eżiti għall-istudenti Rom.

Ħafna miżuri tal-edukazzjoni inklużiva jkomplu jibbażaw fuq finanzjament ta' proġetti fuq terminu qasir, filwaqt li l-monitoraġġ tal-eżiti ta' desegregazzjoni għadu mhux uniformi, u dan jillimita s-sostenibbiltà u l-effettività tagħhom. L-inizjattivi eżistenti – bħall-medjaturi, it-tutoraġġ u l-programmi pilota – jipprovdu pedament b'saħħtu li jista' jiġi estiż u inkorporat f'approċċi sostenibbli u mifruxa mas-sistema kollha.

Gwida għal aktar titjib
Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **isaħħu d-desegregazzjoni sistemika fil-livelli kollha tal-edukazzjoni** billi jipprevjenu u jindirizzaw is-segregazzjoni u jinfurzaw b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, u jiżguraw appoġġ edukattiv, psikoloġiku u lingwistiku adegwat u jtejbu l-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-edukazzjoni, soċjali u tal-familja, u jimmonitorjaw il-progress lejn edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità, b'mod partikolari fi Stati Membri b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti;
- **jimxu minn finanzjament tal-proġetti fuq terminu qasir għal oqfsa ta' finanzjament sostenibbli, flessibbli u risponsivi għall-edukazzjoni inklużiva**, u jippermettu lill-iskejjel u lill-muniċipalitajiet jallokaw b'mod effettiv ir-riżorsi skont il-ħtiġijiet, iżommu persunal ta' appoġġ u jżommu fis-seħħ miżuri ta' inklużjoni fit-tul;
- **isaħħu l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-istudenti Rom lejn l-edukazzjoni sekondarja għolja u t-tlestija tagħha**, permezz ta' forniment affordabbli u aċċessibbli, sensibilizzazzjoni mmirata u involviment tal-ġenituri, mentoraġġ u miżuri għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola.

II.V Jiżdied l-aċċess effettiv għal impjieg ta' kwalità u sostenibbli

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-differenza fl-impjiegi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fost ir-Rom
- tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-distakk fis-sehem taż-żgħażagħ Rom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (Rom NEETs)

L-inklużjoni fis-suq tax-xogħol hija xprunatur ewlieni tat-tnaqqis tal-faqar, tal-koeżjoni soċjali u tal-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Hekk kif l-UE qed tiffaċċja bidla demografika u nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema u ħiliet, l-użu sħiħ tal-potenzjal uman disponibbli qed isir dejjem aktar importanti. Bħala wieħed mill-gruppi tal-popolazzjoni tal-Ewropa li huma l-iżgħar fl-età,

[40] L-approċċi sistemiċi għad-desegregazzjoni jirreferu għal miżuri strutturali u ta' politika kkoordinati mmirati lejn l-eliminazzjoni tas-segregazzjoni u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità inklużiva għall-istudenti kollha, inklużi t-tfal Rom.

ir-Rom jirrappreżentaw sehem dejjem akbar ta' parteċipanti futuri fis-suq tax-xogħol f'diversi Stati Membri. Madankollu, ħafna għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni, aċċess limitat għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u impjiegi prekarji. Għalhekk, l-avvanz tal-ugwaljanza u tal-inklużjoni tar-Rom jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u għat-tkabbir ekonomiku.

Skont l-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024, 54 % tar-Rom għandhom xogħol bi ħlas, meta mqabbla ma' 43 % fl-2016, iżda dan għadu ferm taħt ir-rata tal-impjiegi tal-popolazzjoni ġenerali (75 %[41]). Il-proporzjon ta' żgħażagħ Rom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) naqas ukoll minn 62 % fl-2016 għal 47 % fl-2024, għalkemm għadu sostanzjalment ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali (9 %[42]). L-inugwaljanzi fl-impjiegi huma partikolarment evidenti għan-nisa: 38 % biss tan-nisa Rom għandhom xogħol bi ħlas, meta mqabbla ma' 69 % tal-irġiel Rom, u dan jenfasizza differenza bejn il-ġeneri persistenti. Madankollu, l-istħarriġ jindika li kważi l-miri kollha għall-impjiegi tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom jistgħu jintlaħqu sal-2030, u sar titjib sinifikanti fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fl-Italja u fi Spanja. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-ostakli persistenti għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, inklużi d-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u sistemi ta' appoġġ frammentati. Huma indikaw approċċi bħall-mentoraġġ u l-medjazzjoni, l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor, u l-appoġġ immirat għan-nisa Rom bħala miżuri effettivi, u nnotaw il-potenzjal tal-intraprenditorija tar-Rom biex jappoġġaw l-iżviluppi soċjoekonomiċi lokali.

Kisbiet ewlenin

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li rrapportaw[43] implimentaw miżuri biex itejbu l-aċċess tar-Rom għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, inklużi prattiki tax-xogħol, apprendistati u programmi ta' taħriġ vokazzjonali. Żvilupp notevoli fl-Italja u fi Spanja huwa l-enfasi fuq l-inklużjoni diġitali u l-ħiliet orjentati lejn il-futur, bl-għan li jittejjeb l-aċċess tar-Rom għas-setturi tas-servizzi u dawk diġitali[44].

Qed jitfaċċaw ukoll inizjattivi lokali u reġjonali li jimmiraw lejn r-Rom NEETs[45] u n-nisa Rom[46]. Pereżempju, il-Finlandja stabbiliet riżerva ddedikata ta' impjegaturi biex jirreklutaw interns Rom f'diversi setturi[47], filwaqt li l-Iżvezja żviluppat għodod ta' sensibilizzazzjoni bil-lingwi Romani biex tinvolvi liż-żgħażagħ li qed ifittxu impjieg. L-ekonomija soċjali toffri wkoll perkors lejn l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol[48] . Is-Slovakkja issa timpjega aktar minn 10 100 persuna Rom fl-intrapriżi soċjali, il-Greċja stabbiliet 14-il intrapriża kooperattiva soċjali Rom, u ċ-Ċekja ppreżentat Att dwar l-Intraprenditorija Soċjali Integrattiva.

Minbarra r-rwoli stabbiliti ta' medjatur f'setturi differenti[49], ir-Rom qegħdin jokkupaw dejjem aktar karigi amministrattivi ta' livell ogħla. Id-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Irlanda nieda Programm pilota ta' Internship għat-Travellers u r-Rom fis-Servizz Ċivili. Diversi Stati Membri[50] rrapportaw li jikkombinaw l-appoġġ għall-impjiegi ma' miżuri ta' inklużjoni soċjali bħall-mentoraġġ, spiss permezz ta' finanzjament tal-FSE+. Eżempju notevoli huwa l-proġett

[41] Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/lfsi_emp_a__custom_22319809/default/table.
[42] Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/edat_lfse_20/default/table.
[43] AT, BE, BG, HR, CY, CZ, DK, EE, FI, FR, HU, IE, IT, LV, LT, PL, RO, SK, EL, ES, SE.
[44] Accedere|Invitalia jiġi implimentat fl-Italja, filwaqt li Acceder jiġi implimentat fil-Gabinete de Comunicación ta' Spanja.
[45] BG, EE, HR, LV, RO, SK.
[46] HU, IE, LT, PT, FI, SE, AT, CZ, ES, SI.
[47] Disponibbli fuq: https://romako.diak.fi/romako-askeleet-huomiseen/.
[48] CZ, EL, SK, HU, IE.
[49] BG, ES, FR, HR, PL, PT, RO, SK.
[50] AT, BE, EL, ES, FR, IT, SK.

Rom Werkt tal-Belġju, li juża l-fondi tal-FSE+ biex joffri appoġġ sensittiv mil-lat kulturali fl-impjiegi u fil-parteċipazzjoni li huwa mfassal apposta għall-ħtiġijiet tar-Rom.

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

Minkejja t-titjib gradwali mill-2016, il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol għadha lura b'mod sinifikanti minn dik tal-popolazzjoni ġenerali. Sfida strutturali ewlenija tibqa' t-tranżizzjoni minn impjieg informali jew b'livell baxx ta' ħiliet għal impjiegi aktar stabbli u ta' kwalità ogħla, li spiss tiġi mxekkla minn lakuni fil-ħiliet u segmentazzjoni okkupazzjonali. Sabiex jiġu indirizzati l-lakuni u jiġu eliminati ċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-apprendiment għall-adulti u tul il-ħajja, filwaqt li jipprovdu perkorsi li jagħtu ċans ieħor u appoġġ għal-litteriżmu li jippermettu lil dawk li jitilqu kmieni mill-iskola u lill-adulti jaqilbu għal impjieg stabbli u ta' kwalità.

Ħafna Stati Membri jkomplu jibbażaw primarjament fuq miżuri ta' impjieg ġenerali, li spiss ma jkollhomx sensibilizzazzjoni u salvagwardji speċifiċi għar-Rom. Is-sensibilizzazzjoni mmirata, b'mod partikolari għar-Rom NEETs u għan-nisa Rom, għadha limitata, u b'hekk titnaqqas l-effettività tal-appoġġ għall-impjiegi.

Filwaqt li l-espansjoni tal-ekonomija soċjali tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, ir-rwol tagħha għadu limitat fl-iskala u għadu ma joffrix perkors komprensiv lejn impjiegi sostenibbli għall-biċċa l-kbira tar-Rom li qed ifittxu impjieg. Id-diskriminazzjoni persistenti fis-suq tax-xogħol u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi jibqgħu l-ostakli ewlenin, filwaqt li ħafna inizjattivi għadhom fuq terminu qasir, u jillimitaw is-sostenibbiltà tagħhom u t-tranżizzjoni lejn impjieg stabbli.

Gwida għal aktar titjib

Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **isaħħu l-appoġġ immirat għall-impjiegi għar-Rom**, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ u għan-nisa, permezz ta' sensibilizzazzjoni, gwida u attivazzjoni, f'kooperazzjoni mal-impjegaturi, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-sħab soċjali, inkluż permezz ta' inizjattivi tal-ekonomija soċjali meta jkun xieraq;
- **jikkombinaw appoġġ immirat għall-impjiegi għar-Rom** ma' perkorsi aċċessibbli għat-taħriġ vokazzjonali, l-apprendiment għall-adulti u tul il-ħajja jew l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor filwaqt li jiżguraw li l-miżuri ġenerali tal-impjiegi jilħqu lir-Rom b'mod effettiv u jtejbu l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli;
- **isaħħu l-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-antiżingariżmu,** inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni u infurzar aktar b'saħħtu tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali f'kooperazzjoni mal-korpi tal-ugwaljanza u mas-soċjetà ċivili tar-Rom.

II.VI Tittejjeb is-saħħa tar-Rom u jiżdied l-aċċess effettiv għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali ta' kwalità

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:

- tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-distakk fl-istennija tal-għomor bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali

L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa dritt fundamentali u pedament tal-inklużjoni soċjali. Madankollu, ħafna komunitajiet Rom għadhom jgħixu f'kundizzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tagħhom, inklużi akkomodazzjoni u sanità ħżiena, esponiment ambjentali għar-riskji u aċċess limitat għal servizzi essenzjali. Ostakli bħan-nuqqas ta' assigurazzjoni tas-saħħa, l-ostakli amministrattivi, id-distanza mill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u d-diskriminazzjoni fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa jillimitaw aktar l-aċċess, b'konsegwenzi kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà.

Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024 jikkonfermaw li l-inugwaljanzi fis-saħħa għadhom sinifikanti. L-irġiel Rom jgħixu bħala medja 8 snin inqas, u n-nisa 7,4 snin inqas, mill-popolazzjoni ġenerali. Dawn id-diskrepanzi jirriflettu inugwaljanzi persistenti fl-aċċess għas-saħħa u għall-kura tas-saħħa u żvantaġġi soċjoekonomiċi usa'. Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw li l-eżiti tas-saħħa tar-Rom huma influwenzati ħafna mid-determinanti soċjali bħall-akkomodazzjoni, l-impjiegi, il-faqar u d-diskriminazzjoni, u appellaw għal risponsi integrati li jikkombinaw il-kura tas-saħħa mal-appoġġ soċjali u s-sensibilizzazzjoni tal-komunità. In-nisa Rom ġew identifikati bħala li qed jiffaċċjaw riskji tas-saħħa partikolarment għoljin, speċjalment meta jaċċessaw il-kura tas-saħħa materna u riproduttiva, u dan jenfasizza l-ħtieġa ta' servizzi mmirati u sensittivi mil-lat kulturali.

Kisbiet ewlenin

Għadd sinifikanti ta' Stati Membri[51] implimentaw miżuri biex itejbu s-saħħa u l-aċċess tar-Rom għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi soċjali. Diversi Stati Membri[52] istituzzjonalizzaw aktar ir-rwol ta' medjaturi interkulturali, b'networks stabbiliti biex jgħinu lir-Rom jinnavigaw sistemi tas-saħħa, itejbu l-komunikazzjoni mal-fornituri, u jappoġġaw l-aderenza mat-trattament. Pereżempju, ir-Rumanija tħaddem network stabbli ta' medjaturi tas-saħħa u infermiera tal-komunità, filwaqt li l-Portugall jipprovdi taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa dwar l-inugwaljanzi strutturali u l-ostakli li jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-istennija tal-għomor fost ir-Rom.

Il-Greċja u l-Bulgarija espandew l-aċċess għas-servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa għar-Rom mhux assigurati, inkluż l-iskrinjar iggarantit tat-trabi irrispettivament mill-istatus tal-assigurazzjoni. Oħrajn[53] investew fil-bini tal-għarfien dwar is-saħħa tar-Rom, inkluż permezz ta' stħarriġiet iddedikati, il-ġbir immirat tad-data b'salvagwardji, u għodod ta' monitoraġġ imtejba. Fiċ-Ċekja, id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet skont l-iskema ta' kumpens għan-nisa Rom li jkunu ġew sterilizzati illegalment ġiet estiża biex tippermetti li japplikaw aktar vittmi.

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

L-aċċess effettiv u ekwu għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi soċjali jibqa' sfida ewlenija, b'mod partikolari għar-Rom li jgħixu f'żoni emarġinati, rurali jew remoti u dawk mingħajr status amministrattiv stabbli. Il-forniment tal-kura tas-saħħa jingħata primarjament permezz ta' sistemi tradizzjonali. Filwaqt li l-miżuri bħall-medjaturi tejbu s-sensibilizzazzjoni, l-impatt tagħhom spiss jibqa' lokalizzat u jiddependi fuq finanzjament fuq terminu qasir. Ir-Rom mhux assigurati – inklużi xi ċittadini mobbli tal-UE u nazzjonali mhux tal-UE mingħajr dokumenti – jibqgħu f'riskju ta' esklużjoni f'diversi Stati Membri.

[51] BE, BG, CZ, FI, FR, DE, EL, HU, IT, NL, RO, SK, ES.
[52] BE, BG, ES, LV, LT, PL, RO SK.
[53] SK, SI, FR, ES, IE.

Id-diskriminazzjoni u l-antiżingariżmu f'ambjenti tal-kura tas-saħħa jkomplu jimminaw il-fiduċja u l-imġiba f'waqtha ta' ħarsien tas-saħħa, filwaqt li l-monitoraġġ limitat tal-eżiti tas-saħħa tar-Rom jirrestrinġi t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza. Mingħajr azzjoni integrata biex jiġu indirizzati d-determinanti soċjali usa' tas-saħħa u azzjoni kkoordinata fl-oqsma tal-politika, it-titjib fl-aċċess għall-kura tas-saħħa waħdu x'aktarx li ma jnaqqasx b'mod sinifikanti l-inugwaljanzi. Dan għandu jinkludi appoġġ aħjar għas-saħħa mentali u emozzjonali biex jiġu indirizzati l-istress u t-trawma fit-tul ikkawżati mid-diskriminazzjoni persistenti u l-esklużjoni soċjali.

Gwida għal aktar titjib

Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- **jiżguraw aċċess ugwali u effettiv għall-kura tas-saħħa ta' kwalità** billi jnaqqsu l-ostakli amministrattivi, finanzjarji u oħrajn li jaffettwaw lill-komunitajiet Rom, inklużi l-ostakli marbuta mal-kopertura tal-assigurazzjoni, id-dokumentazzjoni, il-faqar jew l-istatus ta' residenza, filwaqt li jsaħħu l-kura tas-saħħa preventiva, materna, riproduttiva u mentali;
- **jistituzzjonalizzaw u jiffinanzjaw b'mod sostenibbli r-rwol tal-medjaturi tas-saħħa tar-Rom u tas-servizzi ta' sensibilizzazzjoni tal-komunità**, b'mod partikolari f'żoni emarġinati u remoti, filwaqt li jippromwovu l-kura tas-saħħa sensittiva kulturalment, il-litteriżmu fis-saħħa u l-kooperazzjoni bejn il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-komunitajiet Rom;
- **jindirizzaw id-determinanti soċjali tas-saħħa** permezz ta' politiki integrati li jorbtu l-kura tas-saħħa mal-akkomodazzjoni, is-sanità, l-edukazzjoni, l-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar, appoġġati minn monitoraġġ aktar b'saħħtu, il-parteċipazzjoni tar-Rom u l-finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti.

II.VII Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għall-akkomodazzjoni adegwata desegregata u għas-servizzi essenzjali

Miri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-2030:

- it-tnaqqis b'mill-inqas terz tad-distakk fil-privazzjoni ta' akkomodazzjoni
- l-iżgurar li mill-inqas 95 % tar-Rom ikollhom aċċess għall-ilma tal-vit
- it-tnaqqis b'mill-inqas nofs tad-diskrepanza fl-affollament eċċessiv

L-akkomodazzjoni adegwata u desegregata hija essenzjali għad-dinjità, għas-saħħa u għall-aċċess għas-servizzi u għad-drittijiet bażiċi. Din għandha impatt dirett fuq l-eżiti fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-benesseri, u tappoġġa wkoll il-kura f'familja, filwaqt li tipprevjeni s-separazzjoni bla bżonn. Madankollu, ħafna unitajiet domestiċi tar-Rom għadhom jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni ħżiena u segregazzjoni residenzjali madwar l-UE.

L-Istħarriġ dwar ir-Rom tal-2024 juri li 47 % tar-Rom jgħixu fi djar umdużi jew mudlama jew f'akkomodazzjoni mingħajr sanità xierqa (jiġifieri fi privazzjoni ta' akkomodazzjoni). Għalkemm dan jirrappreżenta titjib meta mqabbel mal-2016 (61 %), għadu ferm ogħla mill-

medja tal-UE (18 %[54]). L-affollament eċċessiv għadu jippersisti wkoll, u 83 % tar-Rom jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr spazju tal-għajxien suffiċjenti. Matul il-konsultazzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati nnotaw li l-politiki dwar l-akkomodazzjoni jkomplu jiffokaw l-aktar fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien f'ambjenti segregati u enfasizzaw il-ħtieġa li l-politiki ġenerali dwar l-akkomodazzjoni jiġu kkomplementati b'miżuri mmirati għall-komunitajiet Rom emarġinati u monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-eżiti tad-desegregazzjoni.

Kisbiet ewlenin

Madwar nofs l-Istati Membri rrapportaw miżuri biex itejbu l-aċċess tar-Rom għal akkomodazzjoni desegregata u servizzi essenzjali adegwati, bl-użu ta' taħlita ta' interventi mmirati[55] u sistemi tradizzjonali b'salvagwardji għar-Rom[56]. Il-progress huwa viżibbli fit-tranżizzjonijiet tal-akkomodazzjoni. Fl-Italja, l-għadd ta' persuni li jgħixu f'insedjamenti segregati naqas b'mod sinifikanti, filwaqt li Franza tuża l-pjattaforma diġitali Resorption-Bidonvilles biex iċċaqlaq lill-familji minn bassifondi temporanji fi djar permanenti. Fis-Slovenja, l-awtoritajiet lokali jintegraw l-insedjamenti segregati fi pjanijiet urbani muniċipali, filwaqt li r-Rumanija użat l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex issaħħaħ il-kapaċità nazzjonali u lokali għal interventi integrati f'insedjamenti informali.

L-iżviluppi leġiżlattivi komplew ankraw dawn l-isforzi, inkluża l-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Akkomodazzjoni affordabbli fil-Lussemburgu u l-Att dwar l-Appoġġ għall-akkomodazzjoni fiċ-Ċekja. Il-mudell Ċek jgħaqqad l-appoġġ lokali għall-akkomodazzjoni, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni u l-programmi "l-Akkomodazzjoni l-Ewwel" biex jgħinu lill-familji Rom jiċċaqilqu fi djar stabbli u integrati, filwaqt li jipprojbixxi l-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali f'żoni segregati. Fl-istess ħin, xi pajjiżi ffokaw fuq it-titjib tal-infrastruttura fl-insedjamenti eżistenti. Il-Greċja u l-Kroazja investew f'utilitajiet bħall-ilma, l-elettriku u d-drenaġġ, filwaqt li fil-Polonja, il-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni u x-xiri ta' proprjetajiet fis-suq sekondarju għenu lill-familji Rom itejbu s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni tagħhom[57].

Valutazzjoni u sfidi li jifdal

Is-segregazzjoni residenzjali tibqa' l-isfida strutturali ewlenija f'diversi Stati Membri, filwaqt li tillimita l-aċċess tal-familji Rom għal akkomodazzjoni adegwata u żżid l-esklużjoni bejn l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-kura tas-saħħa. L-iżgumbramenti sfurzati jibqgħu ta' tħassib serju, speċjalment meta jseħħu mingħajr salvagwardji suffiċjenti jew aċċess għal akkomodazzjoni adegwata.

Il-pressjonijiet fis-swieq tal-akkomodazzjoni jkomplu jillimitaw il-progress u jenfasizzaw il-ħtieġa ta' miżuri aktar b'saħħithom biex jiġi estiż l-aċċess għall-akkomodazzjoni affordabbli u mhux segregata. Iż-żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni urbani, il-provvista limitata tal-akkomodazzjoni soċjali u r-rekwiżiti amministrattivi restrittivi, kif ukoll in-nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-identità jew ostakli burokratiċi għar-reġistrazzjoni ta' indirizz, inaqqsu l-aċċess għal soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni stabbli għal ħafna unitajiet domestiċi Rom. Id-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, inkluż fis-suq tal-kiri

[54] Disponibbli fuq: Eurostat 2023, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tessi291/default/table?lang=mt.
[55] BE, BG, CZ, ES, IT, LT, RO, SK.
[56] DE, FI, FR, IE, SI.
[57] Disponibbli fuq: https://www.gov.pl/web/mniejszosci-narodowe-i-etniczne/programy-integracji-spolecznosci-romskiej.

privat, tillimita aktar l-opportunitajiet għall-familji biex jiżguraw akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata.

Filwaqt li diversi Stati Membri rrapportaw miżuri biex itejbu l-infrastruttura fl-insedjamenti, jespandu l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali u jappoġġaw ir-rilokazzjoni għall-akkomodazzjoni ġenerali, l-impatt tagħhom għadu mhux uniformi. Ħafna inizjattivi jibqgħu limitati fl-iskala jew jiġu implimentati fuq bażi ta' proġett, u l-monitoraġġ tal-eżiti ta' desegregazzjoni għadu dgħajjef. B'mod partikolari, enfasi kontinwa fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet fl-insedjamenti segregati ma twassalx neċessarjament għal desegregazzjoni sostenibbli.

Gwida għal aktar titjib
Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex:

- f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati, **jindirizzaw is-segregazzjoni territorjali u residenzjali** billi jippromwovu perkorsi integrati, fit-tul u sostenibbli minn insedjamenti segregati għal akkomodazzjoni adegwata fil-komunitajiet ġenerali, filwaqt li jiżguraw aċċess għal servizzi essenzjali u infrastruttura u jimmonitorjaw b'mod sistematiku l-eżiti ta' desegregazzjoni, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'popolazzjonijiet Rom sinifikanti;
- f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għal servizzi minn persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inklużi r-Rom**, jespandu l-aċċess għall-akkomodazzjoni affordabbli, adegwata u mhux segregata permezz ta' provvista akbar ta' akkomodazzjoni soċjali**, appoġġ immirat għal persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, rekwiżiti amministrattivi simplifikati u azzjoni aktar b'saħħitha kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tal-kiri privat;
- jagħmlu użu mis-Sett ta' għodod Operazzjonali dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali u s-servizzi assoċjati, ippubblikat mill-Kummissjoni, bl-għan li jippromwovu viċinati desegregati u inklużivi, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet emarġinati;
- **jevitaw l-iżgumbramenti sfurzati u l-insigurtà tal-akkomodazzjoni** billi jiżguraw mekkaniżmi siguri ta' pussess, twissija bikrija u protezzjoni, aċċess għal akkomodazzjoni alternattiva adegwata, u kontinwità tal-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-kura tas-saħħa.

III. ROM FIR-REĠJUN TAT-TKABBIR[58]

Is-sitwazzjoni tar-Rom fis-sħab tat-tkabbir[59] ġiet ivvalutata permezz ta' stħarriġiet iddedikati tar-Rom imwettqa mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u mill-Bank Dinji u

[58] Ir-"reġjun tat-tkabbir" jirreferi għall-pajjiżi kandidati u għall-kandidati potenzjali li bħalissa huma involuti fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Il-lista sħiħa ta' pajjiżi hija disponibbli fuq: https://enlargement.ec.europa.eu/countries_en?prefLang=mt.

[59] L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo* (*deżinjazzjoni mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u f'konformità mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo),* il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna.

ffinanzjati mill-Kummissjoni. L-istħarriġ għall-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant (l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia) tlesta fir-rebbiegħa tal-2026, filwaqt li dak il-ġdid għall-Balkani tal-Punent għadu għaddej.

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-Rom jibqgħu l-aktar grupp żvantaġġat minħabba l-isterjotipi, il-preġudizzju, id-diskriminazzjoni u l-antiżingariżmu, li jwasslu għall-esklużjoni soċjali. Id-diskriminazzjoni fl-impjiegi għadha mifruxa, u l-qgħad huwa għoli. In-nisa Rom jiffaċċjaw ukoll diversi forom ta' diskriminazzjoni u huma f'riskju akbar ta' vjolenza domestika u abbażi tal-ġeneru, filwaqt li t-tfal Rom jistgħu jkunu esposti għall-isfruttament tax-xogħol jew għal żwiġijiet bikrin furzati. Għalkemm ir-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni obbligatorja qed tittejjeb, il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għadha taħt il-medji nazzjonali, it-tluq bikri mill-iskola għadu għoli u l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u għolja għadha limitata. L-aċċess għall-kura tas-saħħa għadu limitat, b'mod partikolari għat-tfal barra mill-edukazzjoni formali u għall-anzjani. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għadhom inadegwati f'ħafna insedjamenti. Fil-Viċinat tal-Lvant, is-sitwazzjoni tar-Rom hija aggravata aktar bl-ispostament bħala riżultat tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Is-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent, kif ukoll l-Ukrajna, il-Moldova u t-Turkija, adottaw jew qed jiffinalizzaw strateġiji aġġornati għar-Rom f'konformità mal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom u l-impenji ta' Poznań[60] għall-Balkani tal-Punent. Madankollu, diversi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li implimentaw dawn l-istrateġiji ntemmu fl-2025, u xi sħab għadhom qed jiżviluppaw pjanijiet ġodda għat-3-5 snin li jmiss.

Filwaqt li hemm sforz ċar biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ eżistenti jew jiġu stabbiliti oħrajn ġodda, il-progress għadu diffiċli biex jitkejjel fejn il-miri huma ġenerali wisq. L-NRCPs huma rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fl-inklużjoni tar-Rom iżda l-pożizzjonament amministrattiv, il-kapaċitajiet istituzzjonali u r-riżorsi finanzjarji tagħhom jeħtieġu aktar attenzjoni. Il-Kunsill tal-Ewropa jkompli jappoġġa l-kapaċità amministrattiva tal-NRCPs kofinanzjati mill-UE.

L-antiżingariżmu huwa inkluż fl-oqfsa nazzjonali tar-Rom, iżda l-miżuri biex dan jiġi indirizzat għadhom limitati. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-korpi tal-ugwaljanza jittrattaw każijiet ta' diskriminazzjoni kontra r-Rom fil-Balkani tal-Punent, fl-Ukrajna u fil-Moldova, l-antiżingariżmu għadu mhux inkluż bħala kategorija distinta fir-rapporti u fl-istħarriġ kontra d-diskriminazzjoni.

L-istrateġiji nazzjonali jippruvaw jindirizzaw il-problema tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni, iżda l-miżuri ta' desegregazzjoni għadhom insuffiċjenti, b'finanzjament limitat jew mingħajr finanzjament dedikat. Il-proġett "Azzjoni tar-Rom għall-Integrazzjoni tar-Rom" kofinanzjat mill-UE implimentat mill-Fond għall-Edukazzjoni tar-Rom jappoġġa l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u għaż-żgħażagħ Rom, iżda hija meħtieġa aktar azzjoni nazzjonali biex jittejbu l-eżiti edukattivi u jiġi żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni ġenerali ta' kwalità fil-livelli kollha. Ir-riformi tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-edukazzjoni skont il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għar-Rom ladarba jiġu implimentati. L-istħarriġ li għaddej bħalissa dwar ir-Rom tal-Balkani tal-Punent se jgħin ukoll biex jiġu identifikati aktar id-diskrepanzi li għandhom jiġu indirizzati fin-negozjati tat-tkabbir u fil-laqgħat ministerjali annwali ddedikati għall-ugwaljanza u għall-inklużjoni tar-Rom.

[60] Dikjarazzjoni tas-Sħab tal-Balkani tal-Punent dwar l-Integrazzjoni tar-Rom fil-Proċess tat-Tkabbir tal-UE, Poznań, 5 ta' Lulju 2019.

Gwida għal aktar titjib
Sabiex jitħaffef il-progress dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Roma, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-gvernijiet fir-reġjun tat-tkabbir biex:

- fejn neqsin jew skaduti, **jadottaw strateġiji nazzjonali għar-Rom u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali lil hinn mill-2025** allinjati mal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom u **jallokaw finanzjament** għall-implimentazzjoni sostenibbli tagħhom u **jsaħħu l-mandat istituzzjonali, il-persunal u r-riżorsi finanzjarji tal-NRCPs** u jiżguraw l-involviment tagħhom fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' programmi nazzjonali u ffinanzjati mill-UE;
- **iżidu l-miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol**, inkluż fl-impjiegi fis-settur pubbliku; **jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni**, inkluż bl-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja u jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda
- **jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet** tal-istħarriġ dwar ir-Rom tal-Ukrajna u tal-Moldova u l-istħarriġ li għaddej bħalissa dwar ir-Rom tal-Balkani tal-Punent.

IV. AZZJONI TAL-UE

L-Istati Membri għandhom responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021. Madankollu, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tappoġġa dawn l-isforzi billi tinforza l-leġiżlazzjoni, tikkoordina l-politiki, timmobilizza l-istrumenti ta' finanzjament u tiffaċilita l-involviment tal-partijiet ikkonċernati.

Infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE

Il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-infurzar u l-applikazzjoni ta': (i) id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali[61]; (ii) id-Direttiva riveduta dwar id-Drittijiet tal-Vittmi; u (iii) id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Hemm tliet proċedimenti ta' ksur li għaddejjin bħalissa kontra ċ-Ċekja, is-Slovakkja u l-Ungerija għas-segregazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni. Ittra ta' intimazzjoni addizzjonali ntbagħtet liċ-Ċekja f'Ottubru 2024. Il-każ kontra s-Slovakkja ġie riferut lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[62].

Barra minn hekk, l-adozzjoni tad-Direttivi (UE) 2024/1499 u 2024/1500 issaħħaħ l-istandards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza fl-Istati Membri kollha sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv id-diskriminazzjoni u jgħinu lill-vittmi jaċċessaw il-ġustizzja. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' laqgħat iddedikati ta' gruppi ta' esperti. Se timmonitorja t-traspożizzjoni f'waqtha u korretta mill-Istati Membri[63] tad-Direttivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali permezz tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi djalogi informali u proċeduri formali ta' ksur.

Integrazzjoni tal-ugwaljanza tar-Rom fl-inizjattivi ta' politika tal-UE

[61] Ara wkoll ir-rapport 2026 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52026DC0364.
[62] Disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:62023CC0799.
[63] Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_26_1380.

L-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu tirrikonoxxi b'mod ċar l-antiżingariżmu bħala forma speċifika, distinta u b'għeruq fondi ta' razziżmu. F'konformità mal-Istrateġija, il-Kummissjoni tkompli tippromwovi wkoll diversità akbar tal-persunal u aċċess għal opportunitajiet ta' karriera għal gruppi sottorappreżentati, inklużi r-Rom, permezz ta' sensibilizzazzjoni mmirata fir-reklutaġġ u t-traineeships, taħriġ kontra l-preġudizzju għall-professjonisti tar-riżorsi umani u ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza. B'mod parallel, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026–2030 u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026–2030 jenfasizzaw l-iżvantaġġi aggravati u intersezzjonali li jiffaċċjaw in-nisa Rom u l-persuni LGBTIQ+. Il-Kummissjoni kompliet tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom, permezz tal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità. Il-pjattaforma tiffaċilita d-djalogu u tipprovdi gwida, pereżempju, dwar prattiki ta' reklutaġġ inklużivi.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Kummissjoni kompliet tintegra l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom fil-politiki, fil-leġiżlazzjoni u fil-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE, inkluż permezz tat-Task Force interna tagħha dwar l-Ugwaljanza.

Fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tal-faqar, tliet inizjattivi komplementari adottati fl-2025 u fl-2026 żiedu l-azzjoni tal-UE biex tiġi avvanzata l-inklużjoni tar-Rom. Il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli jinkludi azzjonijiet li jappoġġaw lin-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi r-Rom, u se jtejjeb l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti permezz ta' miżuri ta' investiment u akkomodazzjoni soċjali. Dan huwa kkomplementat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni inkluż l-għajxien bla dar, li tippromwovi approċċi integrati, personalizzati u mmexxija mill-akkomodazzjoni li jikkombinaw l-akkomodazzjoni, is-servizzi soċjali u l-prevenzjoni biex jiġu indirizzati l-għajxien bla dar u l-esklużjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi li l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni u l-għajxien bla dar jistgħu jaffettwaw b'mod sproporzjonat lil ċerti gruppi, inklużi r-Rom, u tinkludi miżuri biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz ta' sensibilizzazzjoni, kriterji ta' akkomodazzjoni soċjali trasparenti, taħriġ kontra l-preġudizzju u appoġġ għall-inkwilini li jiffaċċjaw diskriminazzjoni.

L-Istrateġija tal-UE kontra l-Faqar tenfasizza li l-preġudizzju u l-istigma jistgħu jżidu r-riskju ta' faqar għal gruppi speċifiċi, inklużi r-Rom, u tfakkar fil-mira tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom biex jitnaqqas bin-nofs l-isparigġ tal-faqar sal-2030. Din tissottolinja wkoll l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati dwar miżuri mmirati kontra l-faqar. Hija akkumpanjata mill-Prinċipji għal politiki effettivi kontra l-faqar[64]. Filwaqt li tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021, li identifikat lit-tfal Rom bħala grupp prijoritarju, il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal tipprovdi gwida biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw it-tfal Rom fl-aċċess għas-servizzi permezz ta' miżuri integrati, li jvarjaw minn ħidma ta' sensibilizzazzjoni u medjazzjoni sa edukazzjoni inklużiva, appoġġ lill-familji u interventi fil-komunità. Din tirrappreżenta opportunità strateġika biex jiġu avvanzati politiki aktar immirati u effettivi għat-tfal Rom – li jibqgħu affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar u d-diskriminazzjoni – u biex jiġi eliminat iċ-ċiklu interġenerazzjonali tal-esklużjoni. Din tħabbar ukoll sejħa għall-proposti tal-FSE+ b'baġit ta' EUR 5 miljun biex tappoġġa proġetti tranżnazzjonali mfassla biex itejbu l-aċċess għall-impjiegi għaż-żgħażagħ Rom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET[65]).

[64] Dawn il-prinċipji huma ppreżentati parzjalment fit-taqsima II.II. ta' dan ir-rapport.
[65] Disponibbli fuq: https://www.socialinnovationplus.eu/call/strengthening-the-european-child-guarantee-national-governance-systems-and-supporting-access-to-the-labour-market-for-roma-neets-2/.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija rilevanti wkoll għall-inklużjoni tar-Rom, peress li tippromwovi aċċess ekwu għal gruppi żvantaġġati u emarġinati, inklużi r-Rom, u tappella lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-aċċessibbiltà, id-diskrepanzi territorjali u soċjoekonomiċi li jikkontribwixxu għall-esklużjoni diġitali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kapital Uman fl-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi b'mod espliċitu lill-persuni Rom fost il-gruppi li jiffaċċjaw ostakli għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri mmirati biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u fl-impjiegi tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku "Aktar sikuri online, flimkien aktar b'saħħitna" jirrikonoxxi b'mod espliċitu lill-persuni Rom u lil minoranzi razzjali u etniċi oħra bħala partikolarment esposti għall-fastidju online u għal diskors ta' mibegħda illegali marbut mal-esklużjoni sistemika.

Ottimizzazzjoni tal-fondi tal-UE

Fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti (2021-2027), il-FSE+ jipprovdi madwar EUR 1,8 biljun fi 15-il Stat Membru biex jiffinanzja interventi mmirati għar-Rom fl-edukazzjoni, fl-impjiegi u fl-inklużjoni soċjali. Il-FEŻR jikkomplementa dan permezz ta' investimenti mmirati u ġenerali fl-akkomodazzjoni, fl-infrastruttura soċjali, fl-edukazzjoni u fil-kura tas-saħħa, li huma ta' benefiċċju dirett jew indirett għall-persuni Rom. Kundizzjoni abilitanti tematika ddedikata dwar l-inklużjoni tar-Rom torbot il-fondi mal-politiki. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu azzjonijiet f'diversi oqsma ta' politika soċjali. Dawn jikkombinaw l-investimenti u r-riformi b'attenzjoni għall-gruppi żvantaġġati, inklużi r-Rom, billi jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u finanzjarji, jew id-desegregazzjoni fl-iskejjel. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jgħin ukoll lill-Istati Membri jfasslu strateġiji u politiki li jindirizzaw aħjar l-isfidi li jiffaċċjaw il-komunitajiet emarġinati tar-Rom. Pereżempju, l-istrument qed jappoġġa l-edukazzjoni inklużiva, inklużi l-attivitajiet ta' desegregazzjoni fl-iskejjel.

Il-programm Erasmus+ appoġġa aktar minn 480 proġett li jippromwovu l-inklużjoni tal-komunitajiet Rom; dawn ammontaw għal kważi EUR 29 miljun u involvew madwar 1500 organizzazzjoni madwar l-UE. Il-proġetti ffukaw l-aktar fuq l-edukazzjoni għaż-żgħażagħ, fl-iskejjel u għall-adulti, u koprew il-medjaturi Rom, it-titjib tal-aċċess tal-organizzazzjonijiet lokali Rom għall-programm Erasmus+, l-apprendiment dwar l-Olokawstu tar-Rom u l-preżervazzjoni tal-lingwa Romani. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà appoġġa aktar minn 100 proġett li jippromwovu l-inklużjoni tar-Rom, li jinvolvu 104 organizzazzjoni u aktar minn EUR 1,4 miljun, prinċipalment fl-edukazzjoni, il-kultura, l-isport, is-saħħa, l-azzjoni ambjentali, l-involviment tal-komunità u l-volontarjat fost iż-żgħażagħ. Skont il-programm l-UE għas-Saħħa (2021-2027), diversi inizjattivi jimmiraw lejn l-inugwaljanzi fis-saħħa li jaffettwaw lill-komunitajiet tar-Rom, b'enfasi fuq il-prevenzjoni u l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Pereżempju, ShowUp4Health jindirizza l-mard mhux komunikabbli billi jindirizza d-determinanti soċjali u ambjentali u jsaħħaħ il-litteriżmu fis-saħħa fost ir-Rom. Inizjattivi Ewropej bħal SASTIPE, MENTBOX, u JA MENTOR jippromwovu l-aċċess tar-Rom għal servizzi tas-saħħa mentali ta' kwalità. Barra minn hekk, il-proġett SOLACE mexxa approċċi ta' skrinjar għall-kanċer tal-pulmun li jinvolvu l-popolazzjonijiet tar-Rom fil-Kroazja, fil-Greċja u fl-Ungerija, f'kooperazzjoni mal-medjaturi komunitarji. Interreg joffri opportunitajiet għall-kooperazzjoni, kif muri mill-proġett CHESS START, li kien jinvolvi aktar minn 100 tifel u tifla Rom mir-Rumanija u mill-Ungerija.

Permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-NRCPs fl-istabbiliment jew fit-tisħiħ tal-pjattaformi nazzjonali tar-Rom li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fil-proċessi tat-teħid tad-

deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni tiffinanzja wkoll proġett tranżnazzjonali, ROVA, li jsaħħaħ il-kapaċità tal-NGOs tar-Rom. Is-sejħiet gal proposti EQUAL u REM fl-ambitu tas-CERV jappoġġaw attivitajiet li jiġġieldu kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni, inkluż l-antiżingariżmu, kif ukoll attivitajiet ta' kommemorazzjoni u edukattivi dwar l-Olokawstu tar-Rom u l-iskjavitù tar-Rom. Barra minn hekk, fl-ambitu tal-programm, tliet organizzazzjonijiet fil-livell tal-UE mmexxija mir-Rom attivi fil-bini tal-kapaċitajiet, fil-kultura, fil-promozzjoni u fid-drittijiet tar-Rom iservu bħala s-sħab istituzzjonali tal-Kummissjoni u jirċievu għotjiet operattivi.

Gwida għall-Użu Effettiv tal-Fondi tal-UE dwar l-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u l-Parteċipazzjoni tar-Rom
Sabiex jitħaffef il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-"approċċ komuni iżda differenzjat", il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri, partikolarment dawk b'popolazzjonijiet Roma sinifikanti, biex:

- **isaħħu r-rabta bejn l-istrutturi ta' governanza u l-fondi tal-UE**, filwaqt li jiżguraw li l-prijoritajiet tal-ugwaljanza u tal-inklużjoni tar-Rom jiġu riflessi matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programm biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom sal-2030;
- **jikkombinaw miżuri mmirati li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet Rom ma' politiki u servizzi ġenerali inklużivi**, b'attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jiżguraw azzjoni koordinata u integrata fl-oqsma ta' politika kollha u investiment fit-tul biex jiġu indirizzati d-dimensjonijiet multipli u interkonnessi tal-esklużjoni;
- **jiżguraw li l-investimenti ffinanzjati mill-UE fl-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni jippromwovu l-prinċipji tad-desegregazzjoni u n-nonsegregazzjoni**, filwaqt li jipprijoritizzaw id-desegregazzjoni biex jeliminaw jew inaqqsu b'mod sinifikanti s-segregazzjoni eżistenti billi jintegraw ir-Rom fl-iskejjel u fil-viċinati ġenerali, filwaqt li jiżguraw li, fejn id-desegregazzjoni immedjata ma tkunx possibbli, l-investimenti ma joħolqux ambjenti segregati ġodda jew isaħħu dawk eżistenti (nonsegregazzjoni) u jwittu t-triq għal desegregazzjoni futura.

Tishih tal-governanza u l-koordinazzjoni tal-politika

Is-Semestru Ewropew kompla jimmonitorja s-sitwazzjoni tar-Rom u jiggwida lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti biex jindirizzaw l-isfidi persistenti. Fil-kuntest taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2026, il-premessi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill identifikaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw il-komunitajiet Rom fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fil-Greċja, fl-Ungerija, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fi Spanja. Il-Linji Gwida suċċessivi għall-politiki tal-impjiegi adottati mill-Kunsill jidentifikaw b'mod konsistenti l-komunitajiet Rom emarġinati fost il-gruppi li jeħtieġu attivazzjoni mmirata tas-suq tax-xogħol, filwaqt li jintegraw l-ugwaljanza tar-Rom fil-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika tal-impjiegi tal-UE.

B'ħarsa 'l quddiem, il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali[66] li ġejjin skont il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028-2034 joffru opportunità importanti għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawn l-isfidi b'mod aktar komprensiv u mmirat. Il-Kummissjoni integrat l-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom f'diversi proposti regolatorji tal-QFP 2028-2034 – inklużi l-AgoraEU, il-Programm dwar il-Ġustizzja u Erasmus+ hekk kif l-inklużjoni tar-Rom tibqa' prijorità politika u soċjali tal-UE.

Promozzjoni tal-parteċipazzjoni tar-Rom u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-parteċipazzjoni tar-Rom permezz ta' djalogu strutturat, il-bini tal-kapaċitajiet, u l-kooperazzjoni istituzzjonali. Kull sena, il-Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Rom tlaqqa' flimkien lill-awtoritajiet u lis-soċjetà ċivili biex jidentifikaw il-prijoritajiet u jivvalutaw il-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-2030. Il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati inkludiet ukoll laqgħat regolari mal-NRCPs u ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, mas-soċjetà ċivili u man-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet)[67].

Il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni mal-Istati Membri li għandhom il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE u mal-Parlament Ewropew biex iżżomm l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom fuq quddiem fl-aġenda politika. Din appoġġat ukoll b'mod attiv il-Ġimgħa tar-Rom, immarkat il-Jum Internazzjonali tar-Rom u l-Jum ta' Tifkira tal-Olokawstu tar-Rom billi ħarġet dikjarazzjonijiet iddedikati, u pparteċipat fiċ-ċeremonja ta' kommemorazzjoni ta' Auschwitz fit-2 ta' Awwissu.

Promozzjoni tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra l-antiżingariżmu

Il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu teħtieġ azzjoni sostnuta fl-oqsma ta' politika kollha. Il-Kummissjoni segwiet approċċ doppju: indirizzata direttament permezz ta' azzjoni mmirata u komunikazzjoni pubblika, filwaqt li integrat il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu fl-oqsma tal-politika settorjali.

Matul is-snin, il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni strutturata tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa, permezz ta' firxa ta' programmi konġunti, jiġifieri: (i) il-programm Roma Memory li tnieda f'Ġunju 2024, li ppromwova s-sensibilizzazzjoni u t-tifkira tal-Olokawstu tar-Rom; (ii) ROMACT, li saħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jaħdmu biex jiżguraw l-inklużjoni tar-Rom; u (iii) EQUIROM, li ġġieled l-antiżingariżmu permezz ta' narrattivi pożittivi dwar ir-Rom fil-media. Barra minn hekk, il-kampanja tal-media soċjali Roma on Par, li tnediet fil-Jum Internazzjonali tar-Rom, għandha l-għan li tiġġieled l-antiżingariżmu u li tisfida l-isterjotipi negattivi dwar ir-Rom.

Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-ħidma tal-UNESCO dwar l-edukazzjoni kontra r-razziżmu fl-UE, kif imħabbar fl-Istrateġija Kontra r-Razziżmu. F'Marzu 2026, l-UNESCO nediet proġett ta' sentejn, iffinanzjat mill-Kummissjoni, li jindirizza speċifikament forom ta' razziżmu bħall-antiżingariżmu. Il-proġett għandu l-għan li jagħti lill-edukaturi riżorsi għat-tagħlim tal-istudenti dwar ir-razziżmu kontemporanju u l-wirt storiku tiegħu, u b'hekk irawwem ambjenti ta' apprendiment aktar inklużivi għall-istudenti Rom[68].

---

[66] Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2028–2034, il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali jiġbru flimkien diversi flussi ta' finanzjament tal-UE, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

[67] Disponibbli fuq: https://equineteurope.org/.

[68] Disponibbli fuq: https://www.unesco.org/en/articles/unesco-launches-new-programme-address-racism-and-through-education-europe.

KONKLUŻJONI

Mill-adozzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom, l-Istati Membri saħħew il-pedamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għar-Rom. Fil-perjodu 2023-2025 seħħ l-iżvilupp kontinwu ta' strutturi ewlenin ta' governanza fl-Istati Membri. L-NRCPs saħħew ir-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom, id-djalogu mar-Rom u mas-soċjetà ċivili favur ir-Rom sar aktar strutturat u, f'diversi pajjiżi, ġiet irrapportata wkoll xi żieda fir-rappreżentanza tar-Rom fl-amministrazzjoni pubblika u fil-karigi eletti. Barra minn hekk, sar progress viżibbli f'diversi oqsma ta' politika: żdied ir-rikonoxximent politiku tal-antiżingariżmu, sar titjib fil-parteċipazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, żdiedu r-rati tal-impjiegi fost ir-Rom, u l-Istati Membri espandew il-miżuri fl-akkomodazzjoni, fis-saħħa u fil-protezzjoni soċjali. Il-finanzjament tal-UE appoġġa riformi u inizjattivi nazzjonali inklużivi matul il-perjodu.

L-Istħarriġ dwar ir-Rom 2024 juri titjib f'għaxar indikaturi mis-16 użati għall-monitoraġġ tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom. Pereżempju, il-biċċa l-kbira tal-miri relatati mal-impjiegi tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom jidhru li jistgħu jintlaħqu sal-2030. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sforzi sostanzjali biex jintlaħqu l-miri kollha, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' miri nazzjonali aktar konsistenti. Il-finanzjament fuq terminu qasir, l-oqfsa ta' monitoraġġ mhux uniformi u l-koordinazzjoni limitata fil-livelli ta' governanza jkomplu jimminaw l-effettività u s-sostenibbiltà tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom.

Is-snin li ġejjin se jkunu deċiżivi. Il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u aktar progress fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni u fil-parteċipazzjoni tar-Rom se jirrikjedu impenn politiku sostnut, riformi sistemiċi effettivi, kapaċità istituzzjonali aktar b'saħħitha, approċċi ta' politika integrati u transsettorjali u investiment fit-tul prevedibbli. L-infurzar effettiv u t-tmexxija pubblika b'saħħitha se jkunu essenzjali wkoll. Il-QFP li jmiss se jipprovdi opportunità importanti biex jiżdiedu aktar dawn l-isforzi.

L-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom ma humiex biss fondati fuq id-drittijiet fundamentali iżda huma wkoll prijoritajiet strateġiċi għall-Ewropa. Fil-kuntest tat-tnaqqis demografiku, in-nuqqas ta' ħaddiema u l-kompetizzjoni globali dejjem akbar, l-inklużjoni tar-Rom – wieħed mill-iżgħar gruppi tal-popolazzjoni tal-Ewropa – tista' tikkontribwixxi wkoll għar-reżiljenza ekonomika. Hekk kif joqrob l-2030, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Roma jrid ikompli javvanza dawn il-prijoritajiet, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-koeżjoni u l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa, u jirrifletti l-impenn tal-UE li ħadd ma jitħalla lura.